# Xmara Sewda

Xmara ta' pigmenti
ta' lwien biż-żjut imħallta,
u ta' verniċ u grassijiet
u żejt ieħor tal-kittien
u swied il-faħam.
Xmara ta' linka
għaddejja lejl u nhar
mal-ħoss tal-makni
tal-linotipi,
fid-dinja kollha.
Makni muntanji bla tarf,
bla qies, bla għadd,
li jarmu l-likwidu iswed
għal fuq it-tipi
li jċappsu l-karti
biex qatt ma jitħassru,
bil-kliem fejjied,
bil-kliem utiq,
il-kliem tal-liġijiet umani,
il-pattijiet tal-paċi,
dikjarazzjonijiet ta' gwerer,
fehmiet il-għorrief,
u ħsibijiet tal-filosfi u l-poeti,
ta' saċerdot t'Alla
li l-kelma Tiegħu jxandru
fid-dinja kollha.
Xmara sewda
li bil-mijiet, bl-eluf,
ittenni l-kelma qarrieqa
ta' min jinħeba
fil-ġurnal,
tirriproduċi insulti kiefra,
daqqiet fil-qalb.
Xmara ta' linka
tiġri u tistinka
biex tagħmel ġid
jew deni
bil-kelma,
skond kif jużawk.
Xmara sewda
li tinfluwenza
nazzjonijiet
fil-ġlied u l-gwerer,
għaddejja dejjem
bla taqta' xejn,
bin-nhar, bil-lejl,
ma jżommok ħadd.
Xmara, xmara sewda,
iċħad 'il min ifittex
jinqeda bik biex jiżra' l-għelt.